ŻABBAR
Città Hompesch

**Minuti tat-379 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 5 ta' Jannar, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani u s-Sur Robert Buhagiar.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsilliera s-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tiġi skuzata minħabba li kienet tinsab ma tiflaħx.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsillier is-Sur Kevin Plumpton fejn talab li jiġi skuzat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton kienu skuzati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-378 laqgħa.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja 2011 ser tkun ta' €721,772 li tinkludi wkoll l-allokazzjoni għal Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Peress illi ż-żieda fl-allokazzjoni mis-sena preċedenti hi ta' €4032 biss aktar, is-Sur Buttigieg ppropona li jitħejja rapport dwar l-ispejjez tal-kuntratti u l-ispiza rikorenti biex il-Kunsill ikun f'pozizzjoni aħjar biex jevalwa l-ispiza rikorrenti mqabbla mal-

allokazzjoni li qed tingħata.  Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-perit tal-Kunsill is-Sur William Lewis dwar stima biex isir *storm water culvert* fi Triq id-Dliela minħabba l-ammont kbir ta’ ilma xita li jinġabar f’din it-triq.  Il-Perit Lewis informa lill-Kunsill illi l-ispiza tax-xogħol li jrid isir tammonta għal €28,662.80.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita’ tad-Djar dwar skema ta’ riġenerazzjoni f’oqsma tal-binjiet tal-Gvern.  L-Awtorita’ ser tibqa tilqa’ il-proposti sa nhar il-Ġimgħa, 28 ta’ Jannar 2011.  Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jitħejja pjan sabiex is-sena d-dieħla il-Kunsill japplika għal din l-iskema.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ftehim bejn il-Kunsilli Lokali bil-għan li ssir applikazzjoni konġuta għan-nominazjoniji tal-Belt Valletta bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.  Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien iffirma dan il-ftehim.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Greenpak fejn il-Kunsill ġie nfurmat li din il-kumpanija xtaqet tkompli bil-kampanja edukattiva ta’ riċiklagg separat anke fl-iskejjel.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn resident fi Triq A Caligari dwar permess approvat mill-MEPA biex isir tħaffir taħt il-garaxx biex jinbena *basement*.  Biex isir dan ix-xogħol l-applikant qed jitlob li titkisser temporanjament parti mill-bankina ta’ quddiem il-garaxx.  Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li temporanjament titneħħa l-bankina, bil-kundizzjoni li ma jitħalla l-ebda periklu għall-pubbliku kif ukoll li din il-bankina terga' issir tale quale wara li jitlesta x-xogħol għas-spejjez ta’ l-applikant.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Karina Fiorini li espremiet ix-xewqa li tiltaqgħa mal-Kunsillieri sabiex flimkien jiddiskutu dwar l-izvillup sostenibbli f’Ħaż-Żabbar.  Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament lis-Sur Bonnici u s-Sur Pisani jiltaqgħu mas-Sinjura Fiorini.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kappillan Dun Bastjan Caruana dwar il-Vista Pastorali ta’ Mon Arċisqof fil-Paroċċa ta’ Ħaż-Żabbar bejn it-8 ta’ Jannar 2011 u t-30 ta’ Jannar 2011.  Is-Sindku u l-Kunsilliera ġew mistiedna jattendu għall-ċelebrazzjoni tal-ftuħ u l-quddiesa li ser isir nhar is-Sibt, 8 ta’ Jannar, 2011 fil-5.00 ta’ filgħaxija fis-Santwarju, kif wkoll għal-laqgħa li se ssir fis-7.30 ta’ filgħaxija fis-sala r-Ragħaj it-Tajjeb.  Fuq proposta tas-Sindku li giet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel li jipprezenta kopja tal-ktieb *Zabbar – A Living History* lill-Mons Arċisqof.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-muzew ta’ Eschborn dwar l-esebizzjoni ta’ arti li ser isir f’Mejju li ġej matul Eschenfest f’Eschborn, il-Ġermanja.  Is-Sur Raiss talab sabiex

jingħata informazzjoni dwar l-artist magħzul, kif ukoll ritratti tax-xogħol li se jesebixxi. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-akkomodazzjoni ta' l-artist u t-trasport tal-biċċiet ta' l-arti ser jiġu mħallsa mill-Kunsill ta' Eschborn.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-*Federation Europeenne Solidarites Proximite* fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar in-*Neighbour's Day* ser issir il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2011.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

- Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Diċembru, 2010 u il-5 ta' Jannar, 2011 li kien jammonta għal €23,152.31. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Diċembru 2010 li kien jammonta għal €83.56. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Approvazzjoni tal-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-Sena Finanzjarja 2011

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Abbozz ta' l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2011. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li l-kuntratt għat-tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi kien ser jagħlaq u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena addizzjonali jew jekk tinħarigx sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsillieri bid-dettalji kollha dwar l-attivitajiet li ser isiru fl-okkazzjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar.

Il-Viċi sindku nfurma lill-Kunsill li kif kien ġie deċiz fl-laqgħa preċendenti, bħala parti mill-attivitajiet biex jiġi ċċelebrat Jum Ħaż-Żabbar ser isir esebizzjoni ta' ritratti bit-tema 'Il-Misraħ fi Żmien il-Gwerra u Llum' miġbura minn Dame Joan Barbara nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar, 2011 fis-Sala tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li għal din l-attivita jistieden lill dawk il-persuni kollha li ser ikunu qed jiġu mistiedna għal Jum Ħaż-Żabbar.

Fis-7.40 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kien infurmah bil-miktub li ser ikollu jieħu *leave* mix-xogħol għal xi żmien. Għaldaqstant il-Kunsill irid jitlob lid-

Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jaħtar lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għal perjodu li matulu kien ser ikun nieqes mix-xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-*increment* tal-Assistent Amministrattiv Isabella Testaferrata de Noto li fil-21 ta' Jannar, 2011 tagħlaq it-tielet sena ta' impjieg tagħha mal-Kunsill u tas-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto li fit-22 ta' Jannar, 2011 ser tagħlaq it-tieni sena tagħha bħala Assistent Amministrattiv. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-*increment* liż-żewġ impjegati.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill illi l-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-Ilma kienet bgħatet lista tax-xogħol li trid li jsir bħala parti mix-xogħol ta' resurfacing ta' toroq taħt l-iskema Public Private Partnership. Il-Korporazzjoni qed tistima li l-Kunsill irid iħallas madwar €14,500 biex isir dan ix-xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ dawn il-fondi biex isir dan ix-xogħol.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li se jkun hemm varjazzjoni fil-prezz tal-offerti għax-xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku billi żewġ landings tat-taraġ jiġu rħam biex ikun kumplimentari mat-taraġ li ser ikun qed isir. Il-prezz għal dan ix-xogħol skont l-istima li ngħatat ser tkun madwar €5,150 minflok ta' madwar €1,400 li kien il-prezz taċ-ċeramika. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jkun hemm din il-varjazzjoni.

Is-Sur Bonnici ippropona li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet biex jiġi nstallat *palm reader* għall-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tax-xogħlijiet sabiex isir restawr fuq l-Għajn taż-Żwiemel li hemm fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel talba biex isir restawr fuq dan il-monument.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Il-Viċi Sindku talab li jieħdu passi dwar ilmenti mir-residenti ta' Triq il-Misqa dwar boroz mimlija li qed jitħallew mill-kuntrattur responsabbli mill-knis tat-toroq.

Is-Sur Pisani semma t-*tournament* tal-futball li ser issir mil-Kunsill Lokali flimkien mal-Kunsill taż-Żgħażagħ u ppropona li l-parteċipanti jingħataw tifkira ta' parteċipazzjoni. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li tingħata tifkira ta' parteċipazzjoni.

Is-Sur Pisani talab lill-Kunsill biex jgħin grupp ta' studenti li kienu ser jagħmlu studju dwar separazzjoni ta' skart fil-lokalita' billi jipprovdi lista tad-djar kollha li hawn f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Pisani ppropona li s-Sotto Kumitat għall-Ippjanar u għall-Finanzjament minn Programmi tal-Unjoni Ewropeja u s-Sotto Kumitat għall-Qasam Soċjali jiġu xolti minħabba li dawn is-sotto kumitati ma kienux qed jagħtu r-rizultati mixtieqa. Is-Sur Pisani qal li fi ftit ta' zmien kien ser jressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista ta membri biex iservu f'sotto kumitat ġdid. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament max-xoljiment ta' dawn iż-żewġ sotto kumitati.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li terġa titwaħħal mera fi Triq San Ġuzepp faċċata ta' Triq Ħadd in-Nies minħabba li din kienet tkissret.

Is-Sur Buttigieg staqsa x'kien sar fuq it-talba li saret lill-*Transport Malta* dwar sinjali ta' traffiku u parkegg fi Triq il-Kapuccini.

Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li jsir sinjal ta' direzzjoni fi Triq San Ġuzepp ma' Triq Sant'Antnin biex ikun hemm indikazzjoni aħjar għas-sewwieqa.

Is-Sur Buttigieg ppropona li ssir *road hump* fi Triq il-Kbira ma Sqaq San Mikiel u Sqaq San Vincenz. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici talab li jsiru *yellow bays* quddiem il-garaxxijiet li hemm fi Triq Wied il-Għajn bejn Triq il-Qoton u Triq il-Fustan.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jsir *patching* estensiv fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Grech talab li jsir id-dawl maz-*zebra crossing* li hemm fi Triq Wied il-Għajn.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-380 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar 2011

Domenic Agius
Sindku